**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2020**

**Rikors nru: 219/2019 AGV;**

**AB**
**vs**
**CD u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' ikollu.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 23 ta' Settembru 2019, fejn espona bir-rispett u kkonferma dan li gej;

1. Illi skont ic-certifikat tat-twelid tal-esponenti, bin-numru progressiv 5672 tas-sena 1957 (Dok CB 1) l-esponent gie iskritt bhala iben EB u missier mhux maghruf;

2. Illi kif ser jigi ppruvat watq it-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenut CD huwa l-missier naturali tal-esponenti in kwantu gie koncepit minnu minn relazzjoni extra konjugali li kellu ma' omm l-esponenti.
3. Illi l-esponent ghandu interess li tigi stabbilita' il-paternita' tieghu u sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna registrazzjoni ta' dik il-patenita' fl-atti tal-istat civili relattivi, inkluz ukoll jekk ikun mehtieg, bil-mezzi tal-prova kontemplati fl-artikolu 70 A u 100 A tal-Kodici Civili u bl-inferenza premessi mil-Ligi.
4. Illi inoltre, l-esponenti ghandu interess li jibqa' juza' l-kunjom 'B', li huwa ilu juza' tul hajtu kollha anki sabiex ma tinholoqx konfuzjoni fin-negzoju tal-esponenti u fil-hajja ta' kuljum tieghu;
5. Illi tali uzu tal-kunjom B da parti tal-esponenti anki wara li tigi akkordata id-dikjarazzjoni ta' paternita' mitluba b' dil-azzjoni m' hi ser tippregudika lill-ebda terzi.
6. Illi d-direttur tar-Registru Pubbliku qed jigi citata in gudizzju sabiex jigu effetwati l-korrezzonijiet mehtiega fl-atti tal-istat civili opportuni.

Ghaldaqstant, ghal ragunijiet premessi, l-epsonenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qrti sabiex prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni;

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti huwa l-iben naturali tal-konvenut CD anki permezz tal-mezzi tal-prova kontemplati fl-artikoli 70 A u 100 A tal-Kodici Civili, u bl-inferenzi premessi mil-Ligi.
2. Tawtorizza lil-esponenti jibqa' juza' il-kunjom 'B' li huwa ilu juza' tul hajtu u dan anki l-ghaliex l-ebda terzi m' huma ser jigu pregudikati bil-fatt li l-esponenti jibqa' juza l-kunjom 'B', u konsegwentament tordna lid-

direttur konvenut sabiex izid l-annotazzjoni relattiva fl-att tat-twelid tal-esponenti bin-numru progressiv, 5672 tas-sena 1957 (Dok CB 1);

3. Konsegwentament, tordna lid-direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tal-esponenti bin-numru progressiv 5672 tas-sena 1957 fis-sens, li jigu mhassra mil-iskrizzjoni realttiva, kull fejn jirrikorru, il-kliem ' Missier mhux maghruf' jew ' Unknown Father' jew esppessjonijiet ekwivalenti, u jigu sostitwiti bil-kliem ' CD u kif ukoll jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l- partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-att tat-twelid tal-istess CD u kif ukoll isiru dawk iz-zidied , s-sostituzzjonijiet, korrezzjonijiet u/ jew kancellamenti kollha mehtiega u konsegwenzjali fl-att tat-twelid, tal-esponenti bin-numru progressiv 5672 tas-sena 1957 ( Anness Dok CB. 1).

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut li qed jigu, minn issa stess, ingunt in subizzjoni taghhom.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku** datata 31 ta' Ottubru 2019 fejn espona bir-rispett u l-Avukat Dr. Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu iddikjara u kkonferma is-segwenti;

1. Illi in linea preliminari, l-esponent jecepixxi illi ai termini tal-artiklu 961 tal-Kapitoli 12 tal-Ligjiet ta' Malta , din l-Onorabbli Qorti ghandha ssejjah lil EB fil-proceduri istanti, Stante illi galadarba din l-azzjoni titratta l-filjazzjoni tal-attur, ikun idoneju illi l-omm l-istess attur skont l-att tat-twelid, bin-numru progressiv 5672 tas-sena 1957, tkun parti minn dil-kawza ghal kull interess li jista' ikollha.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponnenti jistqarr li ma hux edott mil-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat;
3. Illi stante is-suespost, l-esponent jirrimetti ruhu ghal rizultanzi istuttorji u umilment jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex tistieden lil-partijiet kollha koncernati sabiex jissomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-artikolu 100 A tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverfikat jekk il-konvenut, CD, hux il-missier naturali tal-attur AB.
4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi AB, u dan a tenur tal-artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Illi finalment, minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti jissometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi huwa ma ghandux jgi assogettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' CD** datata 8 ta' Novembru 2019, fejn espona bir-rispett u kkonferma;

1. Illi din l-allegazzjoni trid tigi ppruvata skont il-ligi u sempliciment allegazzjoni ma tbiddilx l-istat prezenti tar-rikorrenti.
2. Illi ghal rigward it-tieni talba din ma taffettwax lill-esponenti u ghalhekk hi x' inhi l-konkluzjoni, l-esponenti jirrimetti ruhu;
3. Illi din it-talba ghandha tigi akkolta biss jekk jirrizulta dak li qed jigi allegat.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrent li huwa ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi b'digriet tal-Qorti datat 12 ta' Novembru, 2019, giet kjamata in kawza EB, omm l-attur.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' EFG** , datata 8 ta' Jannar 2020, fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat;

1. Illi hija taqbel u tikkonferma li l-attur hwua l-iben naturali tal-konvenut CD u tal-istess esponenti.
2. Illi l-esponenti ma ghandhiex tehel spejjez ta' dal-proceduri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nomina ta' Dr Marisa Cassar bhala espert tad-DNA, b'digriet tat-12 ta' Novembru, 2019.

Rat ir-rapport tal-istess Dr Cassar, fejn gie determinat li l-konvenut CD huwa fil-fatt il-missier naturali tal-attur.

Rat li l-partijiet irrimettew rwiehom.

Rat li l-konvenut CD impenja ruhu li jaghti d-dettalji personali kollha tieghu sabiex issir id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-attur.

**IKKUNSIDRAT**

Illi mill-provi prodotti jirrisulta ampjament ippruvat li l-attur AB huwa l-wild naturali tal-konvenut CD. Dan jirrisulta mid-dikjarazzjoni ta' omm l-attur stess, kif ukoll b'mod inekwivokabbli mill-ezami tad-DNA tal-partijiet. Ghalhekk il-Qorti hija konvinta li t-talbiet tal-attur ghandhom jintlaqghu. Inoltre, il-Qorti tirrispetta wkoll l-ghazla tal-attur li jibqa' maghruf bil-kunjom B, peress li ilu hajtu kollha maghruf b'dak il-kunjom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;
Tilqa' t-talbiet attrici, u konsegwentement:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti huwa l-iben naturali tal-konvenut CD.
2. Tawtorizza lil-esponenti jibqa' juza' il-kunjom 'B' li huwa ilu juza' tul hajtu u dan anki l-ghaliex l-ebda terzi m' huma ser jigu pregudikati bil-fatt li l-esponenti jibqa' juza l-kunjom 'B', u konsegwentament tordna lid-Direttur konvenut sabiex izid l-annotazzjoni relattiva fl-att tat-twelid tal-esponenti bin-numru progressiv, 5672 tas-sena 1957 (Dok CB 1);
3. Konsegwentament, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tal-esponenti bin-numru progressiv 5672 tas-sena 1957 fis-sens, li jigu mhassra mil-iskrizzjoni realttiva, kull fejn jirrikorru, il-kliem 'Missier mhux maghruf' jew 'Unknown Father' jew esppessjonijiet ekwivalenti, u jigu sostitwiti bil-kliem 'CD u kif ukoll jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l- partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-att tat-twelid tal-istess CD u kif ukoll isiru dawk iz-zidied , s-sostituzzjonijiet, korrezzjonijiet u/ jew kancellamenti kollha mehtiega u

konsegwenzjali fl-att tat-twelid, tal-esponenti bin-numru progressiv 5672 tas-sena 1957 (Anness Dok CB. 1), hekk kif ser jirrisultaw mid-dokument esebit mill-konvenut CD jew mill-attur permezz ta' nota fir-Registru tal-Qorti tal-Familja.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | |
|---|---|
| Imhallef | Cettina Gauci |
| Onor. Anthony G. Vella | Dep Reg |